

Brussell, 7 ta' Lulju 2017
(OR. fr)

10943/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0279 (COD)

CODEC 1202
PI 92

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju transfruntier bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi ta' kopji f'format aċċessibbli ta' ċerti xogħlijiet u ta' oġġetti oħra protetti mid-dritt tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid ta' persuni għomja u ta' persuni li għandhom problemi oħra biex jaqraw materjal stampat (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-16 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹. Il-bażi legali għal dan l-abbozz ta' Regolament hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2017².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-6 ta' Lulju 2017. Ir-risultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ dok. 12264/16.

² għadha mhix ippubblikata.

³ dok. 10893/17.

4. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 24/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
